MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 760/2006

**L-Avukat Dr. Simon Tortell bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Antonio Aiuto**

**vs**

**Dimech Enterprises Ltd. u Anthony Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-Avukat Dr. Simon Tortell nomine fejn ippremetta illi huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' tlett elef u erbgha u hamsin Euro (€3,054), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' konsenja bibien tal-injam mibjugha skond il-fattura numru 048229 tat-28 ta' Gunju, 2004 u debitament konsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Illi kien sar pagament akkont tal-prezz ta' tlett elef u erbghin Euro (€3,040) mis-somma komplessiva dovuta, ammontanti ghas-somma ta' sitt elef u hamsa u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€6,095.15).

Illi l-bilanc ta’ tlett elef u erbgha u hamsin Euro (€3,054) kien gie offert mill-konvenut Anthony Dimech, f’ismu proprju, permezz ta’ *cheque* numru 500298 mahrug mill-Allied Irish Banks plc., liema *cheque* ma ssarrafx.

Illi minkejja li interpellati diversi drabi, l-konvenuti baqghu ma hallsux ‘l fuq imsemmi ammont u baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-attur nomine talab lil dan t-Tribunal:-

(i) jiddikjara lill-konvenuti debituri tal-attur nomine fis-somma ekwivalenti ta’ tlett elef u erbgha u hamsin Euro (€3,054).
(ii) jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ tlett elef u erbgha u hamsin Euro (€3,054).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja.

Jigi osservat li fiz-zmien meta gie ipprezentat l-avviz il-hlas intalab fl-ekwivalent ta’ flus Maltin. Dan pero’ illum huwa sorpassat.

Ra r-risposta tas-socjeta’ Dimech Enterprises Ltd li eccepiet illi:

1. Preliminarjament, ma hemmx indikazzjoni tal-mandat specjali li allegatament inghata lill-Avukat Dr. Simon Tortell mill-assenti Antonio Aiuto.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ konvenuta tichad illi ghandha thallas is-somma mitluba mill-attur nomine u dan stante il-fatt illli l-bibien illi gew ikkonsenjati lilha irrizultaw difettuzi u mhux tal-kwalita’ pattwita.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Dimech li eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament, ma hemmx indikazzjoni tal-mandat specjali li allegatament inghata lill-Avukat Dr. Simon Tortell mill-assenti Antonio Aiuto.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qed jichad l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur nomine u it-talba tieghu bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejniethom u ghaldaqstant m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Piero Barone, li kien l-agent li kellu jimporta l-oggetti tal-injam. Ighid li s-socjeta' konvenuta kienet ordnat bibien tal-injam minghandhom u kienu kkonsenjawhom lis-socjeta' konvenuta u din kienet iffirmat zewg *invoices*. Kienet ghamlet pagament ta' sitt elef Euro (€6,000) u wiehed mic-cekkijiet kien issarraf, filwaqt li l-iehor ma kienx issarraf.

Wara li kienu damu jigru wara s-socjeta' konvenuta ghal madwar sena, kienet imbaghad infurmathom li ma kienitx disposta li thallas peress li ma kienitx soddisfatta b'certu xoghol ghaliex dan ma kienx skond l-ordni.

Ra x-xhieda ta' Peter Axisa, li jispjega li kien id-direttur tas-socjeta' konvenuta u kien sar jaf lil Antonio Aiuto ghaliex kienu bdew n-negozju tal-bibien.

Kienu ghamlu diversi ordnijiet ghall-bibien ghall-konvenut, kif ukoll kienu ghamlu ordni ghat-twieqi.

Jispjega illi kien ordna bibien ghall-konvenut u l-ordni kien jammonta ghal sitt elef u hamsa u disghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€6,095.95) Kien sar l-ewwel pagament ta' tlett elef u erbghin Euro (€3,040) u t-tieni pagament li

kien sar b'cekk ma ssarrafx, u dan minhabba li ma kienux soddisfatti bix-xoghol.

Ix-xhud jispjega illi l-ordni kienet saret ghall-klijent, Lorenzo Ciantar li kellu tlett (3) blokok ta' appartamenti u kien ghamel ordni ghal zewg (2) appartamenti sabiex jipprova x-xoghol, izda ix-xhud jispjega li Aiuto kien waqqghu ghac-cajt.
Fil-fatt, ix-xhud jispjega, kif meta Ciantar beda jinduna kif kien ix-xoghol kien talbu biss biex jahdem appartament wiehed (1) minflok t-tnejn (2).

Is-sur Ciantar ilmenta fuq il-bibien li kellhom difetti. Wiehed mid-difetti kien li meta talbuhom sabiex iqassru l-bibien, kien nehha l-battiment. Kien hemm ukoll difett iehor fil-*hinges*, ghaliex minflok gew drilljati, kienu sfurzawhom u l-injam kien xpakka. Bejn tletin fil-mija (30%) u erbghin fil-mija (40%) tal-bibien kellhom dan id-difett.

Ukoll, kien hemm difett peress li kien hemm hafna gonot.

B'hekk tilfu lil dan il-klijent. Fil-fatt kellu jaghtihom *credit note* u l-bibien baqqghu ma' wicchom ghaliex l-ordni ssir bl-ispecifikazzjonijiet individwali.

Ighid ukoll illi c-cekkijiet kienu jinhargu *post-dated* biex ikun hemm hlasijiet tal-konsenji, izda mbaghad gara li kien ibbownsja c-cekk.

Jispjega li kienu infurmaw lil Aiuto kemm-il darba li kien hemm difetti f'dawn il-bibien u dan sahansitra qabel ma hargu l-*credit note*. Aiuto kien ra dawn il-bibien. Ftit zmien wara kien hareg l-*credit note*.

Il-bibien difettuzi kienu baqghu ghandhom, pero' kienu ghamlu xi *sale* u kienu bieghu xi ftit bibien.

Ra x-xhieda ta' Lawrence Ciantar, li jispjega li bhala xoghol, hu jixtri l-bini, jaghmillu l-*finishes*, u jbiegh. Kellu blokk ta' appartamenti u kien ghamel ordni minghand s-

socjeta’ konvenuta ta’ bibien. L-ordni kienet tat-tip “Jolly” u l-bibien kellhom *clip* madwar id-dawra kollha tal-bieb.

Ighid li meta l-prodott gie Malta, l-bieb kellu biss il-*clip* mal-gnub, u fuq u isfel ma kienx hemm.

Meta ghalhekk gie installat il-bieb ma kellux il-*finishings* sew u beda jidhol id-dawl mill-parti ta’ fuq u zgur ma kienux skond is-sengha.

Kien hemm difett fic-cpiepet, ghaliex kienu tat-tip *self tapping* u ghalhekk ma kienux imwahhlin mac-caccis. Il-mod kif twahhlu kienu faqghu l-panew tal-bieb. Kiien hemm xi tlieta (3) jew erbgha (4) bibien b’dawn id-difetti.

Il-*main doors* ma kienux tat-tip ‘Jolly’ u ghalhekk kellhom il-kornici ma’ kull genb.

Ix-xhud jispjega illi kien accetta x-xoghol ghal ewwel (1) appartament ghaliex kien marbut b’kuntratt, ghaliex is-sidien riedu jidhlu fil-post u ghalhekk ma kellux alternattiva. Peress li kienet saret ordni ghat-tieni (2) appartament u l-bibien kellhom l-istess qisien, kienu ghazlu l-bibien it-tajbin biex dawn jitwahhlu fl-ewwel (1) appartament u hallas lis-socjeta’ konvenuta l-prezz miftiehem. Tah l-bqija tal-bibien lura.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-ewwel eccezzjoni mqajjma miz-zewg konvenuti tirrigwarda l-prokura li biha Dr. Simon Tortell allegatament gie nominat bhala mandatarju specjali tal-assenti Antonio Aiuto. *Per via d’eccezzione* gie indikat li ma giex ipprezentat dan id-dokument, cioe’ il-prova relattiva tal-mandat. Inoltre, l-attur nomine kellu kull opportunita’ fl-istadju tal-gbir tal-provi jipproduci kopja ta’ din il-prokura, pero’ dan ma ghamlux. Kien jaf li kien hemm eccezzjoni f’dan is-sens, u ghalhekk kellu kull opportuntita’ li jirregola

l-posizzjoni tieghu, izda baqa' ghaddej bil-provi u fl-ebda mument ma giet prodotta din il-prokura.

Ghalhekk, per konsegwenza dan it-Tribunal, ihoss li ma jistax ighaddi biex jiddeciedi l-mertu tal-kawza, billi ma jistax iqis lil Dr. Simon Tortell bhala mandatarju specjali tal-assenti Antonio Aiuto, stante nuqqas ta' prova tal-mandat. Wara kollox kien il-kompitu tal-attur nomine biex jesebiha u jikkonferma l-mandat tieghu u *in mankanza* ta' tali prova dan it-Tribunal ma jistax jiddeciedi mod iehor ghajr li jichad it-talbiet attrici, stante illi l-attur Dr. Simon Tortell ma ssodisfax dan it-Tribunal li huwa kellu r-rapprezentanza guridika ta' Antonio Aiuto.

F'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li qalet il-Prim'Awla:

***"Hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz."***
**'AIRMALTA CO. LTD. VS RICHARD MUSCAT et' (PA. 28.02.2001 deciza, 642/1998)**

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------